**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**16 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 4/2018**

**Michael Stivala**

**Vs**

**L-Awtorita` ta' l-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **<u>Michael Stivala</u>** ipprezentat fil-11 ta' Jannar 2018 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*" Illi permezz ta' applikazzjoni magħmula ma' l-Awtorita intimata numru DCIP 101/2017 relattiva għal applikazzjoni magħmula ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar numru TRK 194939, l-appellant talab il-kunsens (clearance) ta' l-Awtorita appellata sabiex ikun jista jipprocedi bl-applikazzjoni tiegħu ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar sabiex jagħmel "proposed removable extension to pavement for ancillary seating to approved Class 4D outlet, including lightweight shading canopy....".*

*Illi permezz ta' decizjoni komunikata lill-appellant (tramite il-Perit tiegħu) permezz ta' email tat- 28 ta' Dicembru 2017, l-Awtorita appellate caħdet it-talba ta' l-appellant u dan skont is-segwenti:*

*"I regret to inform you that, following careful consideration by the Lands Authority Board, the proposed development was not deemed acceptable and hence the requested clearance in principle is not being granted.*

*The reason for the refusal is that the proposal would reduce parking provision and would create a dangerous situation."*

*Illi l-appellant jħossu aggravat b'din id-decizjoni u qiegħed umilment jinterponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravju ta' l- appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi certament li l-Awtorita appellata agixxiet ultra vires il-poteri taghha stante li r-ragunijiet attribwiti ghad-decizjoni taghha huma materji li ghandhom jigu decizi fil-process ta' l-Ippjanar u minn Awtoritajiet ohra;*

2. *Illi l-Awtorita appellata m' ghandiex il-vires li tiddeciedi materji imressqa quddiemha a bazi ta' kriterji li jmorru oltre il-kompetenza taghha;*

3. *Illi f' kull kaz, l-istess decizjoni tal-Awtorita appellata hija nulla u bla effett stante li l-istess decizjoni tmur kontra il-Ligi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju, jew Kwazi Gudizjarju, ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji imressqa quddiemu, u dan stante illi l-istess decizjoni hija difettuza fil-procedura, nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li iddecidewha, oltre il-fatt illi ttiehdet fil-maghluq [1] u mhux f' seduta pubblika [2].*

4. *Illi oltre dan, id-decizjoni ta' l-istess Awtorita hija daqstant iehor nulla u bla effett stante li hija diskriminatorja fil-konfront ta' l-appellant u dan in vista ta' permessi u clearances simili gia approvati, oltre il-fatt illi l-istess decizjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista twassal lill-appellant sabiex jifhem kif u a bazi ta' liema policies u proncipji l-istess decizjoni ittiehdet.*

5. *Illi f' kull kaz, dak mitlub mill-appellant ma ser jikkreja l-ebda perikolu, u l-materja tat-tnehhija ta' parkegg ta' vettura hija materja regolata tramite il-Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces, li a bazi taghha it-talba ta' l-appellant hija accettabbli stant eli hija konformi ma l-istess.*

*Illi in vista tas-suespost, l- appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi kollha gia imressqa quddiem l-appellata, u b'riserva ghall-presentata ta' dawk il-provi li dan it-Tribunal ihoss opportun, ir-rikorrenti bir-rispett jitlob illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita apppellata hekk kif ikkomunikata fit-28 ta' Dicembru 2017, u dan l-appell jigi milqugh."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** datata 5 ta' Frar 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi d-decizjoni hi gusta fil-forma u fis-sustanza u timmerita konferma;*

2. *Illi kull kwistjoni ta' endolu kostituzzjonali jew ksur ta' smiegh xieraq jezorbita il-kompetentza ta' dan it-tribunal u ghandu jigi indirizzat fil-forum approprijat;*

3. *Illi l-forma tad-decizjoni bl-ebda mod ma tiddefetta;*

---

[1] Dan bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[2] Vide Italian Image Co. Limited vs. Tourist Services Limited 280/2006 Appell Inferjuri 20 ta' Frar 2008; Ara ukoll Smith vs. Ministeru tal-Finanzi Appell Inferjuri 23 ta' April 2010

*4. Illi inoltre t-talbiet tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt. ”*

Sema’ x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b’decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta’ l-Artijiet komunikata lilu permezz ta’ e-mail da parti tal-Perit Stefan Scotto datata 28 ta’ Dicembru 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*“I regret to inform you that, following careful consideration by the Lands Authority Board, the proposed development was not deemed acceptable and hence the requested clearance in principle is not being granted.*

*The reason for the refusal is that the proposal would reduce parking provision and would create a dangerous situation.”*[3]

**Il-Perit Stefan Scotto, *Senior Architect and Civil Engineer*** fi hdan l-Awtorita` intimata, xehed illi huwa jaghti rakkomandazzjonijiet lill-Bord tal-Gvernaturi u mbaghad jircievi d-decizjoni minghandhom u jitrasmettiha lill-applikant. Jispjega li f’dan il-kaz ir-rikorrent applika biex jaghmel imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment tieghu, liema applikazzjoni kienet tindkludi wkoll pjattaforma li tohrog ‘il barra mill-bankina. Jispjega li r-rakkomandazzjoni tieghu lill-Bord kienet li ghandha tinhareg il-*clearance.*

**Il-Perit Joseph Scalpello**, assistent direttur fl-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u membru tal-Bord tal-Gvernaturi ta’ l-Awtorita` intimata, xehed illi meta tidhol applikazzjoni bhal dik in kwistjoni hemm diversi entitatjiet li jigu kkonsultati fosthom l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta, l-Awtorita` ghat-Turizmu, u f’kaz li l-Gvern ikun sid tal-art, l-Awtorita` ta’ l-Artijiet. Ma’ Transport Malta il-konsultazzjoni tkun dwar kwistjonijiet ta’ traffiku u trasport, u cioe`, sigurta` tat-traffiku u tal-*pedestrians*, vizibilita` tal-vetturi u kwistjonijiet ta’ parkegg. Jispjega li biex il-process quddiem l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar jitkompla irid ikun hemm *clearance* da parti tal-Awtorita` intimata jekk l-izvilupp ikun se jsir fuq art pubblika. Jispjega illi huwa previst mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar illi wiehed

[3] A fol. 4 tal-process

jista' japplika biex iqieghed imwejjed u siggijiet fi spazju ta' parkegg ta' vettura pero` hemm *policies* li jaghtu kuntest ghal dan kollu.

In kontro-ezami wiegeb illi fil-blokka fejn applika ghall-permess ir-rikorrent, min-naha tal-Awtorita` intimata ma hemmx *encroachments,* pero`, hemm *encroachments* fi blokok ohra fl-istess triq. Jghid li l-kwistjoni tal-imwejjed u s-siggijiet fuq il-Gzira *front* ippruvaw iharsu lejha b'mod holistiku fis-sens illi kien hemm numru ta' talbiet u ghalhekk hadu posizzjoni illi m'ghandhomx jaghtu permess ghal talba ta' imwejjed u siggijiet fi blokka fejn m'hemmx *encroachments* ohra. Ghaldaqstant is-sitwazzjoni hi li fejn l-Awtorita` intimata diga ghandha *commitments* allura applikazzjoni ghal imwejjed u siggijiet tista' tigi kkunsidrata pero` fi blokka fejn ghad m'hemmx *commitments* ma jinhargux permessi.

Il-Perit Scalpello pprezenta l-*Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space* u cioe` l-*policy* li abbazi taghha jigu decizi talbiet ghal imwejjed u siggijiet minn diversi entitajiet. Jispjega li dan id-dokument gie ppreparat mill-Awtorita` tat-Turizmu, mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, mid-Divizjoni tal-Artijiet tal-Gvern, illum l-Awtorita` intimata, u l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Huwa spjega li l-*policy* P4 u P8 jaghtu gwida lill-Awtoritajiet dwar il-materji li ghandhom jiehdu kont taghhom bhal ma huma *pedestrian* u *public safety*, specjalment fejn hemm hafna traffiku u wkoll dwar il-kwistjoni ta' meta jittiehdu spazji ta' parkegg biex jitqieghdu l-imwejjed u s-siggijiet. Jghid li minkejja din il-*policy* xorta kull Awtorita` ghandha tevalwa l-kaz fuq il-mertu tieghu.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni mal-Awtorita`ta' l-Ippjanar ghal *"proposed removable extension to pavement for ancillary seating to approved class 4D outlet, including lightweight shading canopy. Proposal also includes the sanctioning of alternation to approved sign to incorporate AC unit."*

Illi permezz ta' ittra datata 23 ta' Awissu 2017, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar infurmat lir-rikorrent illi sabiex l-applikazzjoni tieghu tigi kkunsidrata bhala kompluta kien jehtieg, fost affarijiet ohra, illi jgib il-*clearance* minghand l-Awtorita` intimata, u cioe`, dikjarazzjoni li l-istess Awtorita` m'ghandhiex oggezzjoni fil-principju ghall-izvilupp propost.

Illi permezz ta' e-mail datata 27 ta' Dicembru 2017[4] il-Perit Stefan Scotto informa lill-Perit tar-rikorrent illi l-Awtorita` intimata kienet irrifjutat li tohrog

[4] Esebita a fol. 4

in-nuqqas ta' oggezzjoni. Din id-decizjoni giet formalizzata f'ittra fit-12 ta' Jannar 2017.[5]

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrenti huwa fir-rigward tal-procedura li biha mexa l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata. Huwa jishaq illi l-istess Bord ma kellux il-*vires* jiddeciedi kif iddecieda u wkoll illi d-decizjoni hija difettuza in kwantu nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord u wkoll minhabba l-fatt li ttiehdet fil-maghluq u mhux f'seduta pubblika.

Illi ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` Tal-Artijiet), l-istess Awtorita` ghandha l-funzjoni li *"tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

Illi din il-funzjoni l-Awtorita` intimata tezercitaha *tramite* l-Bord tal-Gvernaturi imwaqqaf permezz ta' artikolu 9 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Bord tal-Gvernaturi ghandu jirregolah artikolu 12 tal-istess ligi ghal dik li hi procedura. Kwindi, fin-nuqqas ta' xi prova kuntrarja, ma jirrizutlax illi l-istess Bord ma mexiex skond il-procedura stabbilita. Il-lanjanza tar-rikorrent illi d-decizjoni ma ttihdietx fil-pubbliku ma hijiex legalment sostenibbli. Jekk ir-rikorrent ihoss li din il-procedura tilledilu xi dritt tieghu huwa ghandu jindirizza din il-lanjanza fil-*forum* appozitu. Illi fir-rigward tad-decizjonijet citati mir-rikorrenti fir-rikors promutur, u cioe` ***Italian Image Co. Ltd vs Tourist Services Limited***[6] u ***Christine Smith vs Ministeru tal-Finanzi***[7]**,** it-Tribunal josserva illi l-ewwel sentenza citata ma kellha x'taqsam xejn mal-lanjanza odjerna, filwaqt li fit-tieni sentenza citata il-ligi dwar appelli quddiem il-Bord tat-Trasport kienet tghid espressament illi *"is-seduti kollha tal-Bord ta' Appelli ghandhom isiru bil-miftuh u d-decizjonijiet kollha tal-Bord ta' l-Appelli ghandhom jinghataw bil-miftuh".* Dan certament mhux il-kaz ta' kif il-ligi tipprovdi ghas-seduti tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata. Di piu` r-rikorrenti jilmenta illi d-decizjoni hija difettuza stante li hija nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord. Dan mhux lanqas il-kaz stante li wara li l-perit tar-rikorrenti ircieva e-mail bid-decizjoni tal-Bord, ir-rikorrenti gie notifikat permezz ta' decizjoni formali kif jirrizulta minn ittra datata 12 ta' Jannar 2018 esebita a fol. 69 tal-process.

[5] Dokument AA1 a fol. 69
[6] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) 20 ta' Frar 2008
[7] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) 23 ta' April 2010

Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll illi d-decizjoni hija *ultra vires* il-poteri tal-istess Awtorita` u li kwistjonijiet ta' parkegg u perikolu ghandhom jigu evalwati minn entitajiet ohra. Illi t-Tribunal, b'kull rispett lejn din is-sottomissjoni, ma jaqbilx maghha. Illi kif gia inghad iktar 'il fuq, l-Awtorita` intimata ghandha poter assolut biex tamministra l-art tal-Gvern u tara li se jsir l-ahjar uzu taghha. Kwindi anke jekk materji ta' parkegg u perikolu jistghu ikunu materji li jistghu jigu sindakati minn entitajiet ohra, dan ma jeskludix il-poter tal-Awtorita` intimata li tohodhom ukoll in konsiderazzjoni meta tigi biex tevalwa xi tip ta' permess/approvazzjoni da parti taghha. Kwindi dawn l-aggravji qeghdin jigu michuda.

Illi sorvolata din il-kwistjoni preliminari, it-Tribunal se jinvesti l-mertu tal-kwistjoni. Il-Bord tal-Gvernaturi hass illi l-applikazzjoni ta' zvilupp tar-rikorrent kienet **se tnaqqas il-parkegg u tohloq perikolu.**

Illi l-Perit Scalpello spjega illi fuq l-istess medda ta' art, u cioe` minn quddiem Manoel Island, il-Gzira sa fejn kien hemm il-hanut Square Deal f'Tas-Sliema kien hemm ghadd ta' *commitments* da parti tal-Awtorita` intimata fejn tat koncessjonijiet sabiex jitqieghdu mwejjed u siggijiet fuq barra tal-hwienet. Jghid li l-Bord ipprova jiehu *approach* holistiku billi fformola *policy* interna illi fejn hemm blokka li diga kienu jezistu *commitments* fiha ta' *encroachments* allura jekk ikun hemm applikazzjoni ohra ghal tqeghid ta' mejjed u siggijiet allura din tista' tigi kkunsidrata. Pero` jekk il-bokka ghadha mhix mittiefsa b'*commitments* allura l-posizzjoni li ha l-Bord kien li ma jinghatawx *encroachments.*

Illi mill-pjanti esebiti mill-istess Awtorita' intimata jirrizulta illi fuq il-medda art bejn il-Gzira u tas-Sliema, u anke oltre, hemm numru konsiderevoli ta' stabbilimenti illi ghandhom *encroachment* simili ghal dak rijest mir-rikorrent.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-dokument *Policy, Guidance and Standards for Outdoor Caterina Areas on Public Open Space*, liema dokument gie ppubblikat fl-2016 bi qbil bejn l-Awtorita` tat-Turizmu, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, id-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern u l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Illi fit-tielet taqsima tal-imsemmi dokument hemm imnizzel is-segwenti : *"The permitting Authorities shall grant permits subject to these guidelines and each application shall be assessed on its individual merit.*

*The permits issued include:*

1. *Full Development Permission by the PA*
2. *MTA License*
3. *Encroachment permit by Government Property Department)."*

Illi l-Awtorita` intimata, f'dan il-kaz, iccitat partikolarment il-Policy P4 intitolata "***Safety to patrons and the general public***" minn fejn jirrizulta s-segwenti: ***"Outdoor Catering Areas shall not normally be permitted on pedestrian public footpaths, which are either adjacent to arterial roads or located in close proximity to fast-moving traffic. This shall safeguard the safety and comfort of the patrons against vehicle conflict, noise and air pollution."*** Imbaghad Policy P8 intitolata "***Outdoor Catering Area adjacent to parking spaces***" tistipula illi ***"In the case where the Outdoor Catering Area is directly adjacent to parking spaces, the permitting Authorities may consider requests for extending the Outdoor Catering Area over parking spaces. However, each case shall be assessed on its own merits and the extension over the parking spaces shall consist of an easily removable, reversible/demountable timber platform."***

Illi t-Tribunal jifhem illi fiz-zona in kwistjoni hemm problema kbira ta' parkegg, u li t-triq hija wkoll wahda traffikuza. Pero` t-Tribunal lanqas ma jista' jinjora illi fl-istess zona hemm numru ta' stabbilimenti li nghataw permess mill-Awtorita` intimata jew il-predecessur taghha biex jitpoggew mwejjed u siggijiet fuq barra bl-istess mod kif jixtieq ir-rikorrent. Illi t-Tribunal jifhem u japprezza l-*approach* li qed tipprova tiehu l-Awtorita` intimata, pero` min-naha l-ohra dan l-*approach* jista' ipotetikament johloq diskriminazzjoni abbazi tal-blokka li fih jinsab stabbiliment. U dan ghaliex jekk wiehed ikollu stabbiliment fi blokka li fiha diga hemm *encroachments* allura l-applikazzjoni tieghu ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet tista' tigi kkunsidrata favorevolment, filwaqt li persuna li l-istabbiliment tieghu jinzerta fi blokka li fiha ghad m'hemmx *encroachments* allura l-applikazzjoni tieghu se tigi rifjutata. Illi dan kollu ma jaghmilx wisq sens ghal dak li jirrigwarda parkegg. Ghaliex jekk jinghata permess ftit metri 'l boghod minn stabbiliment li jinzerta fi blokka mhux mittiefsa bl-*encroachments* xorta se johloq problema ta' parkegg. L-istess argument jista' jinghad ghall-perikolu li jista' jinholoq ghall-pubbliku meta ghandek karozzi ghaddejjin daqshekk vicin fejn ikunu qeghdin in-nies mal-imwejjed u s-siggijiet.

Nonostante dan, it-Tribunal jifhem illi l-Awtorita` intimata, *qua* l-entita` fdata bl-amministrazzjoni tal-art pubblika ghandha kull dritt tiddeciedi dwar l-ahjar uzu tal-istess art, pero` tali decizjonijiet iridu jkunu oggettivi u ragjonevoli fil-konfront tal-operaturi kollha u mhux bazati biss fuq jekk stabbilment partikolari jinzertax jew le fi blokka fejn diga hemm permessi mahruga mill-istess Awtorita`.

Illi ghalkemm it-Tribunal ghandu riservi dwar din il-*policy*, ma jirrizultax illi kienet proprju din il-*policy* ir-raguni tar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna.

Illi l-ewwel raguni ghar-rifjut kienet dik li se jitnaqqas il-parkegg ezistenti. Illi huwa fatt maghruf kemm Triq ix-Xatt, Gzira/Sliema, hija wahda problematika fejn jidhol parkegg. Ghalhekk kull parkegg li se jittiehed se jzid il-problema. Illi t-Tribunal ma jqisx illi l-Awtorita` intimata kienet irragjonevoli jew arbitrarja meta qieset din il-kunsiderazzjoni. Illi fil-kaz odjerna, bl-izvilupp propost, se jitnaqqas post ta' parkegg wiehed. Ghalkemm wiehed jista' jikkunsidra illi dan in-numru huwa wiehed *de minimis*, it-Tribunal iqis illi meta wiehed jara dawn il-post ta' parkegg fl-isfond tal-problema kbira ta' parkegg f'din iz-zona jasal ghall-konkluzzjoni illi kull parkegg li jitnaqqar se jkompli jaggrava l-problema fiz-zona. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtoritajiet ma jistghux ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni problematika ta' parkegg f'Malta billi jnaqqru l-parkeggi ezistenti minghajr ma joffru ebda soluzzjoni alternattiva. Kwindi fic-cirkostanzi it-Tribunal iqis li l-konsiderazzjoni li ghamel il-Bord dwar in-nuqqas ta' parkegg hija wahda ragjonevoli.

Illi t-tieni raguni ghar-rifjut hija dik li dan l-izvilupp se jaghti lok li jinholoq perikolu. Illi r-rikorrenti sahaq fir-rikors promutur illi tali zvilupp ma kien se johloq l-ebda perikolu. Illi t-Tribunal kellu l-okkazjoni jezamina d-disinn sottomess lill-Awtoritajiet koncernati mill-Perit tar-rikorrenti u li jinsab esebit a fol 82 tal-process. Mill-istess disinn ma jirrizultax illi se jkun hemm xi protezzjoni reali ghall-persuni li jkunu qeghdin fl-izvilupp propost.. Illi dan it-Tribunal mhu xejn konvint illi r-recint propost jista' b'xi mod jiskansa xi tip ta' disgrazzja. Illi kif huma ben maghruf Triq ix-Xatt jghaddi minnha pjuttost ammont kbir ta' traffiku li hafna drabi jkun pjuttost movimentat. Illi bl-izvilupp kif propost hemm perikolu reali li tista' tigri xi dizgrazzja, kif hu ben maghruf li sehh, anke fiz-zminijiet ricenti, fejn vetturi jitilghu bankini u jhallu vittmi. Dan il-perikolu huwa izjed car jekk proprjament l-imwejjed u s-siggijiet ikunu impoggija fit-triq. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud ukoll.

Illi finalment ir-rikorrenti ressaq provi illi inghataw ghadd ta' koncessjonijiet simili ghal tieghu tul il-medda art bejn il-Gzira u tas-Sliema u anke f'zoni ohra u ghalhekk ihoss li huwa gie diskriminat. Illi t-Tribunal kellu l-okkazjoni jifli dawn il-permessi u ghal dawk li jirrigwardaw proprju Triq ix-Xatt, Gzira/Sliema tali koncessjonijiet jirrizulta li nghataw ammont ta' snin ilu u certament qabel beda jiffunzjona l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata u kwindi ma jistghax isir dan il-paragun. Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi applikant jista' jhossu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, irid jifhem ukoll illi meta si tratta ta' kwistjoni ta' zvilupp wiehed irid iqis ic-cirkostanzi fattwali taz-zmien u tac-cirkostanzi. Dak li kien jghaddi u accettabli fis-snin passati ma jfissirx illi necessarjament jista' jibqa' validu ghal-lum il-gurnata. Ghaldaqstant, il-Bord tal-Gvernaturi prezenti ghandu kull dritt, jekk mhux dover, li jirrevedi dak li fl-opinjoni tieghu seta' sar ahjar fis-snin passati u dan dejjem sakemm id-decizjonijiet tieghu ikunu ragjonevoli fic-cirkostanzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tat-12 ta' Jannar 2018.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**